MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 391/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Scarnell John David
I.D. 45012A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta' elf, tmin mija u wiehed u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1851.74), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici n konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni li jgib l-akkont numru 40037570 (telefonija u televixin) (21582006 u l-425055341) moghti mis-Socjeta' attrici, u skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokument anness ma l-avviz tat-talba markat bhala:
IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv.
IZY 2 ftehim dwar is-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf, tmin mija u wiehed u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1851.74), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------